14 ta' Mejju, 1955

Imħallef :

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Briffa *versus* Costantino Briffa

## Appell — Kontumaċja — Kompetenza

*Sakemm l-appellant minn sentenza tal-Qorti Inferjuri ma jiddimostrax kawża ġusta għall-**kontumaċja** tiegħu in prima istanza, ma jistax jiġi restitwit "**in integrum**"; u kontra tiegħu topera l-prova naxxenti mis-subizzjoni.*

*Il-fatt li l-materja kapitolata tirriferixxi biss għal kawżali waħda minn tnejn dedotti fl-avviż ma jgħinx lill-appellant; għax l-attur jista' jagħżel waħda miż-żewġ kawżali, basta li dik magħżula tkun suffiċjenti biex tasseda l-istanza.*

*Il-konfessjoni tipprekludi lill-appellant milli jġib kull prova oħra, inkluża għalhekk kull prova kontra d-dikjarazzjoni ta' limitazzjoni ta' valur kontenuta fl-avviż, li, ġa ladarba tibqa' sħieħa, tirradika l-kompetenza "ratione valoris" ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti; — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jiżgombra mill-kumditajiet li qiegħed jokkupa fil-fond 19 St. Rocco Street, Birkirkara, stante l-fatt li qiegħed jokkupahom mingħajr titolu, u għax irrenda l-konvivenza impossibbli stante l-atteġġjament tiegħu. Għall-fini tal-kompetenza l-

kumditajiet in kwistjoni ma jeċċedux l-£10 annwi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi 3s. ta' l-ittra interpellatorja, u bis-subizzjoni;

Rat is-sentenza *ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Marzu, 1955,* li biha ddeċediet billi laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż, u għall-fini ta' l-iżgumbrament tat lill-konvenut it-terminu ta' erbgħin ġurnata; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut naqas u ma deherx, u għalhekk in-nota tal-mistoqsijiet għandha tittieħed bħala mistqarra;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-konvenut *fol.* 7, *li biha talab li s-*sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u d-domanda miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Is-sentenza *appellata ġiet* mogħtija in bażi għall-konfessjoni preżunta tal-materja kapitolata, fol. 4;

Hi ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li, sakemm l-appellant ma jiddimostrax kawża ġusta għall-kontumaċja tiegħu in prima istanza, ma jistax jiġi restitwit "in integrum", u kontra tiegħu tibqa' topera l-prova naxxenti mis-*subizzjoni, bla ma jista' jġib* ebda prova oħra;

F'dan il-każ, l-Avukat Dr. Ganado għall-appellant iddikjara, skond il-verbal fol. 14, li ma għandu ebda prova biex jiġġustifika l-kontumaċja għall-kapitolu;

Il-fatt li l-materja kapitolata tirriferixxi biss għal kawża li waħda minn tnejn dedotti fl-avviż ma jgħinx lill-appellant; għax l-attur kien liberu *jagħżel* waħda *miż-żewġ* kawżali: basta li dik magħżula tkun sufficjenti biex tassoda l-istanza. Fil-fatt hi ġurisprudenza paċifika li min ikun ippermetta l-koabitazzjoni miegħu lil ħadd ieħor jista' jiżgumbrah jekk dan iġib ruħu ħażin; u l-kapitolu hu appuntu bażat fuq din il-kawżali;

Id-difensur semma wkoll li *quddiem* l-Ewwel Qorti ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza. Ma hemm ebda verbal 'n atti dwar daqshekk; u minbarra hekk, il-kontumaċja tipprekludi lill-appellant milli jġib kull prova oħra, inkluża, għalhekk, kull prova kontra d-dikjarazzjoni ta' limitazzjoni

ta' valur kontenuta fl-avviż, li, ġa ladarba tibqa' sħiħa, tirradika l-kompetenza "ratione valoris" ta' l-Ewwel Qorti;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant:

It-terminu ta' 40 ġurnata jibda jgħaddi mil-lum.